# IL-BUFULA SEWDA

*Alex Casha*

Meta nkunu għaddejjin fil-kampanja Maltija, ta' sikwit niltaqgħu ma' għasfur ċkejken itir fil-baxx, jaqsam xi trejqa qalb l-egħlieqi jew itir minn pjanta għal oħra. Dan l-għasfur huwa l-bufula sewda (*Sardinian warbler*).

Il-bufula sewda hija residenti (jiġifieri tqatta' s-sena kollha hawn Malta) għalkemm xi wħud ipassu wkoll. Hi komuni ħafna u ilha tbejjet hawn Malta għal dawn l-aħħar 112-il sena. Qabel l-1874 dan l-għasfur kien biss iżurna f'numri żgħar fix-xitwa. Iżda llum din il-bufula hi mxerrda ma' kullimkien ġewwa gżiritna u saħansitra tbejjet ukoll f'ġonna żgħar privati.

Il-bufula sewda raġel għandu ras sewda waqt li dik tal-mara hi griża maħsula bil-kannella. It-tnejn li huma għandhom ċirku aħmar madwar għajnejhom. Minn fuq, ir-raġel hu griż filwaqt li l-mara hi kannella. Ir-rix tat-tarf tad-denb twil u wiesa' huwa abjad.

Minn nofs Frar 'il quddiem, il-bufula sewda tibda tibni l-bejta. Kemm ir-raġel kif ukoll il-mara jibnu l-bejta, li għandha forma ta' bieqja. Il-bejta tinbenda f'xi pjanta jew f'xi siġra żgħira, ġeneralment fil-baxx. Il-bufula sewda ta' sikwit tagħżel il-pjanta msejħa tulliera (*large flea-bane*) biex tibni l-bejta tagħha. Xi drabi l-bejta tkun moħbija sew, iżda xi minn daqqiet tkun fil-mikxuf u tkun tidher sew. F'dan iż-żmien tal-bejta, ir-raġel ta' sikwit jidher igħanni fit-territorju.

Il-mara tbid minn tlieta sa ħames bajdiet, li jfaqqsu wara madwar tlettax-il jum. Il-frieħ iħallu l-bejta wara xi ħdax-il jum ieħor, dawn ikunu għadhom ma jtirux sewwa, u l-ġenituri jibqgħu magħhom għal ġimagħtejn jew tlieta. Wara dan il-perjodu, il-bufula ġeneralment terġa' taħseb biex tbejjet għattieni darba. Sfortunatament ħafna mill-bejtiet tal-bufula sewda ma jirnexxux – xi wħud jispiċċaw abbandunati minħabba l-preżena kontinwa tal-bniedem, oħrajn minħabba li jinsterqu, oħrajn minħabba nar li jeqred il-bejta, oħrajn minħabba x-xita jew ir-riħ li jaqleb il-bejta, u ħafna oħrajn jisfaw priża tas-serp l-iswed (*western whip snake*).

Barra mill-bufula sewda, f'pajjiżna jinstabu jbejtu regolarment tliet speċi oħra ta' *warblers*. Dawn huma: l-bufula ħamra (*spectacled warbler*), il-bagħal ta' l-imrewħa (*fan-tailed warbler*) u l-bagħal ta' l-Għolliq (*Cetti's warbler*). L-aħħar tnejn ilhom ibejtu f'pajjiżna għal mhux aktar minn għoxrin sena. Dawn it-tliet agħsafar huma residenti (igħixu hawn is-sena kollha) u l-bejta tagħhom tkun fil-baxx bħal tal-bufula sewda. Ġieli bejta tal-bufula sewda tkun qrib bejta ta' *warbler* ieħor.

Peress li l-bufula sewda hi komuni, wieħed jista' faċilment jagħmel studju sempliċi fuq dan l-għasfur. Huwa mportanti ħafna li dan l-istudju jsir mingħajr ma l-bejta tiġi sfrattata. Meta

Natalino Fenech

tinstab bejta, xi tagħrif jista' jinġabar anke minn ċerta distanzi 'l bogħod mill-bejta. Tagħrif bħall-għoli tal-bejta mill-art, il-forma tal-bejta, il-kulur u n-numru ta' bajd, in-numru ta' frieħ, jekk ikunx hemm il-mara jew ir-raġel ġol-bejta jew ħdejn il-bejta, l-ispeċi tal-pjanta jew siġra li fiha nstabet il-bejta, il-ħin u d-data. Wieħed għandu jinnota wkoll l-imġiba tal-ġenituri u jekk dawn igħajtux hekk kif xi ħadd jersaq qrib il-bejta. Dan għandu jsir malajr kemm jista' jkun, u wieħed għandu jiġbor dan it-tagħrif darba fil-ġimgħa: mhux aktar minn hekk ħalli dawn l-agħsafar ma jitgerrxux. B'hekk inkunu qegħdin nitgħallmu aktar u aktar fuq in-natura ta' madwarna, u nitgħallmu napprezzawha aktar mingħajr ma nagħmlu ħsara. B'xorti ħażina f'pajjiżna hawn ħafna nies li l-uniku nteress li għandhom fl-agħsafar hu li joqtluhom jew jaqbduhom. Għalkemm il-bufula sewda nzertat ta' daqs żgħir biżżejjed biex ma tolqotx l-għajn tal-kaċċatur ġieli anke hi tisfa vittma tat-tiri.

F'Malta fl-imgħoddi kellna aktar agħsafar ibejtu: fosthom insibu s-summien (*quail*), l-ispanjulett (*kestrel*), il-bies (*peregrine*), iċ-ċawla (*jackdaw*), u l-barbaġann (*barn owl*). Illum dawn m'għadhomx ibejtu minħabba l-irresponsabbiltà ta' ħafna kaċċaturi. Għandna nibżgħu għall-bufula sewda biex din tibqa' tbejjet fil-Gżejjer Maltin, u ma jiġrilhiex bħal dawk l-agħsafar li llum m'għadhomx ibejtu.

*Bufula Sewda fuq il-bejta żżoqq il-frieħ.*

